LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 452.82

REGOLAMENTI DWAR IMPJEGATI STAZZJONATI F'MALTA

10 ta' Ġunju, 2016

L-AVVIŻ LEGALI 223 tal-2016, kif emendat bl-Avviż Legali 262 tal-2020, 232 tal-2021 u 266 tal-2022 u 224 tal-2023.

Titolu. *Emendat: A.L. 262 tal-2020.*

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018, u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI").

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li jiggarantixxu r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati għall-provvista ta' servizzi transkonfinali u li jistabbilixxu sett ta' dispożizzjonijiet xierqa, miżuri u mekkaniżmi ta' kontroll għal implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71 u tad-Direttiva 2014/67, inklużi miżuri li jipprevjenu u jissanzjonaw kwalunkwe abbuż u evażjoni tar-regoli applikabbli.

(4) Dawn ir-regolamenti ma għandhom bl-ebda mod jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajk jew li jittieħdu azzjonijiet oħra skont il-liġi, u d-dritt tan-negozjar, il-konklużjoni u l-infurzar ta' ftehim kollettivi, jew li tittieħed azzjoni kollettiva.

Tifsir. *Emendat: A.L. 262 tal-2020; A.L. 232 tal-2021.*

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"awtorità kompetenti f'Malta" tfisser id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg;

"awtorità li ssirilha t-talba" tfisser l-awtorità kompetenti f'Malta li lilha ssir talba għal għajnuna, informazzjoni, notifika jew irkupru ta' penali u, jew multa;

"awtorità li tagħmel talba" tfisser l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħmel talba għal għajnuna, informazzjoni, notifika jew irkupru ta' penali u, jew multa;

"impjegatur mandanti" tfisser impjegatur stabbilit fi Stat Membru li ma jkunx Malta;

"impjegat komparabbli" tfisser impjegat f'ażjenda li tinsab f'Malta li jkun impjegat fl-istess xogħol jew xogħol jew okkupazzjoni simili, waqt li jingħata każ ta' konsiderazzjonijiet oħra inklużi anzjanità, kwalifiki u ħiliet;

"ħaddiem stazzjonat" tfisser ħaddiem li, għall-perjodu limitat jagħmel ix-xogħol tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru barra mill-Istat li normalment jaħdem fih";

"remunerazzjoni" tfisser l-elementi kostitwenti kollha tar-remunerazzjoni magħmula obbligatorji permezz tal-Att, ordnijiet jew regolamenti maħruġa taħtu;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea u taż-Żona tal-Kummerċ Ħieles Ewropea.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), frażijiet u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira assenjata lilhom fl-Att.

Applikabilità. *Emendat: A.L. 262 tal-2020.*

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw safejn il-fornituri ta' servizzi barranin imsemmija fir-regolament preċedenti:

(*a*) jibagħtu impjegati stazzjonati f'Malta biex jagħmlu xogħol tagħhom u taħt id-direzzjoni tagħhom, bis-saħħa ta' kuntratt magħmul bejn il-fornitur tas-servizz barrani u l-parti l-oħra li s-servizzi huma maħsuba għaliha, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn il-fornitur tas-servizz barrani u l-ħaddiem tul il-perjodu tal-istazzjonar; jew

(*b*) jibagħtu impjegati stazzjonati fi stabbiliment jew f'ażjenda f'Malta li tkun proprjetà ta' impjegatur mandanti, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn il-impjegatur mandanti u l-ħaddiem tul il-perjodu tal-istazzjonar; jew

(*ċ*) għax ikunu ażjendi li joffru impjieg temporanju jew aġenziji li jsibu x-xogħol, jikru ħaddiem lil ażjenda stabbilita li tużah jew li tkun topera f'Malta, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-ażjenda li toffri impjieg temporanju, jew l-aġenzija li ssib ix-xogħol, u l-ħaddiemtul il-perjodu tal-istazzjonar:

Iżda li l-fornituri ta' servizzi barranin imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiggarantixxu lill-ħaddiema stazzjonati t-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg stipulati fir-Regolamenti dwar Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija, li japplikaw għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fornuti minn aġenziji tal-impjieg temporanju stabbiliti f'Malta, u l-impriża utenti għandha tinforma lill-impjegatur mandanti dwar dawn it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg:

L.S. 452.106.

Iżda wkoll meta ħaddiem li jkun ġie fornut minn impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta'

kollokament temporanju lil impriża utenti, stabbilita jew topera f'Malta skont dan il-paragrafu, iwettaq ħidma fil-qafas tal-forniment transnazzjonali ta' servizzi fis-sens ta' dan ir-regolament, mill-impriża utenti fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx dak fejn il-ħaddiem jaħdem normalment għall-impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju, jew għall-impriża utenti:

(*a*) il-ħaddiem għandu jitqies li jkun stazzjonat fit-territorju ta' dak l-Istat Membru mill-impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju li l-ħaddiem ikollu relazzjoni ta' impjieg magħha;

(*b*) l-impriża ta' impjieg temporanju jew l-aġenzija ta' kollokament temporanju għandha titqies bħala l-impjegatur mandanti li qed jagħmel l-istazzjonar skont dawn ir-regolamenti u għandha tikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; u

(*ċ*) l-impriża utenti għandha tinforma lill-impriża ta' impjieg temporanju jew l-aġenzija ta' kollokament temporanju li minnha ħaddiem ġie fornut fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-impjieg.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ekwipaġġ li jaħdem fuq bastimenti li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Kap. 234

(3) Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jimpedixxi l-applikazzjoni ta' pattijiet u kondizzjonijiet ta' impjieg li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

Identifikazzjoni ta' stazzjonar ġenwin u prevenzjoni ta' abbuż u evażjoni. *Emendat: A.L. 262 tal-2020.*

4. (1) Għall-fini tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tagħmel valutazzjoni ġenerali tal-elementi kollha fattwali li jgħinuha meta twettaq verifiki u kontrolli u meta jkun hemm raġuni biex temmen li ħaddiem jista' ma jikkwalifikax bħala ħaddiem stazzjonat skont dawn ir-regolamenti.

(2) L-elementi msemmija f'dan ir-regolament huma fatturi indikattivi fl-evalwazzjoni komplessiva li għandha ssir u għalhekk ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat. L-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi għandhom ikunu adattati għal kull każ speċifiku u għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni.

(3) Sabiex jiġi determinat jekk impriża, li tkun il-fornitur ta' servizzi twettaqx attivitajiet sostanzjali b'mod ġenwin, għajr attivitajiet biss ta' ġestjoni interni u, jew amministrattivi, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tagħmel valutazzjoni ġenerali tal-elementi kollha fattwali li jikkaratterizzaw dawk l-attivitajiet. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:

(*a*) il-post fejn l-impriża għandha l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni tagħha, tokkupa l-ispazju ta' uffiċċju, tħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u, fejn ikun applikabbli, skont il-liġi

nazzjonali għandha l-liċenzja professjonali jew hija rreġistrata mal-kamra tal-kummerċ jew entitajiet professjonali;

(*b*) il-post fejn jiġu reklutati l-ħaddiema stazzjonati u li minnu jiġu stazzjonati;

(*ċ*) il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-impriża mal-ħaddiema tagħha, minn naħa, u mal-klijenti tagħha, min-naħa l-oħra;

(*d*) il-post fejn l-impriża twettaq l-attività sostanzjali ta' negozju tagħha u fejn timpjega persunal amministrattiv;

(*e*) l-għadd ta' kuntratti mwettqa u, jew id-daqs ta' fatturat imwettaq fl-Istat Membru ta' stabbiliment, filwaqt li tiġi meqjusa s-sitwazzjoni speċifika ta' impriżi, fosthom, impriżi li għadhom kif ġew stabbiliti u SMEs.

(4) Sabiex issir evalwazzjoni dwar jekk ħaddiem stazzjonat temporanjament iwettaqx ix-xogħol tiegħu f'Malta, l-elementi kollha fattwali li jikkaratterizzaw dan ix-xogħol u s-sitwazzjoni tal-ħaddiem għandhom jiġu eżaminati mill-awtorità kompetenti f'Malta. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:

(*a*) ix-xogħol li jitwettaq għal perjodu limitat ta' żmien f'Malta;

(*b*) id-data li fiha jibda l-istazzjonament;

(*ċ*) l-istazzjonament iseħħ lejn Malta bħala Stat Membru ieħor li mhux dak li fih jew li minnu l-ħaddiem stazzjonat normalment iwettaq ħidmietu skont ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) u, jew il-Konvenzjoni ta' Ruma;

(*d*) il-ħaddiem stazzjonat imurx lura jew hux mistenni li jerġa' jibda jaħdem fl-Istat Membru mnejn ikun ġie stazzjonat wara tmiem ix-xogħol jew il-prestazzjoni ta' servizzi li minħabba fihom huwa kien stazzjonat;

(*e*) in-natura tal-attivitajiet;

(*f*) il-vjaġġ, l-ikel u l-alloġġ jew l-akkomodazzjoni humiex pprovduti jew hemmx rimborż għalihom minn min iħaddem u jistazzjona l-ħaddiem; u, jekk ikun il-każ, kif dan hu provdut u l-metodu ta' rimborż;

(*g*) kwalunkwe perjodu preċedenti li fih kien imtela l-post mill-istess ħaddiem jew minn ħaddiem ieħor (stazzjonat).

(5) In-nuqqas li jiġu ssodisfati wieħed jew aktar mill-elementi fattwali stabbiliti fir-regolament m'għandux jipprekludi b'mod awtomatiku sitwazzjoni milli tiġi karatterizzata bħala stazzjonament.

(6) Fejn, wara valutazzjoni ġenerali li ssir skont dan ir-regolament, jiġi stabbilit li impriża b'mod skorrett jew frawdolenti qed toħloq l-impressjoni li s-sitwazzjoni ta' ħaddiem taqa' fl-iskop ta'

dawn ir-regolamenti, dak l-ħaddiem għandu jgawdi id-drittijiet kollha relatati mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg skont l-Att u l-ordnijiet jew ir-regolamenti maħruġa taħtu u skont kwalunkwe ftehim kollettiv applikabbli.

Ugwaljanza ta' trattament. *Emendat: A.L. 262 tal-2020.*

5. (1) Bla ebda ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 3, il-forniturі ta' servizzi barranin imsemmija fir-regolament 3, għandhom jiggarantixxu, abbażi ta' ugwaljanza ta' trattament, lill-ħaddiema li jkunu stazzjonati f'Malta it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin stipulati fl-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti jew ordnijiet maħruġa taħtu:

(*a*) perjodi massimi ta' xogħol u perjodi minimi ta' mistrieħ kif applikati għal diversi klassijiet ta' impjegati;

(*b*) vaganzi annwali mħallsin minimi kif applikati għal diversi klassijiet ta' impjegati;

(*ċ*) remunerazzjoni, inklużi rati tas-sahra kif applikati għal diversi klassijiet ta' impjegati:

Iżda li, skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplimentari għandhom jiġu esklużi mit-tali remunerazzjoni;

(*d*) il-kondizzjonijiet għall-forniment ta' ħaddiema, b'mod partikolari l-forniment ta' ħaddiema minn impriżi ta' impjieg temporanju;

(*e*) miżuri konformi mal-liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' saħħa, sigurtà u iġjene fuq l-impjieg;

(*f*) miżuri protettivi fir-rigward ta' termini u kondizzjonijiet ta' impjieg li jħarsu lil nisa tqal jew nisa li jkunu welldu ftit żmien qabel;

(*g*) miżuri protettivi konformi mal-liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' termini u kondizzjonijiet ta' impjieg li jħarsu tfal u żgħażagħ;

(*h*) trattament ugwali bejn irġiel u nisa u dispożizzjonijiet oħra dwar li ma għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni konformi mal-liġijiet ta' Malta;

(*i*) il-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-ħaddiema fejn dawn jiġu provduti minn min iħaddem lil ħaddiema li jkunu l-bogħod mill-post tal-impjieg regolari tagħhom;

(*j*) allowances jew rimborż ta' spejjeż biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' vjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ fejn dawn ikunu provduti minn min iħaddem lil ħaddiema l-bogħod mid-dar għal raġunijiet professjonali:

Iżda li, dan il-paragrafu għandu japplika esklużivament għal spejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikel u l-alloġġ imġarrba minn ħaddiema stazzjonati fejn huma jkunu meħtieġa li jivvjaġġaw lejn u lura mill-post regolari tal-impjieg tagħhom fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma ġew

stazzjonati lejn Malta, jew fejn jintbagħtu temporanjament minn min iħaddimhom minn dak il-post regolari tal-impjieg lejn post tal-impjieg ieħor.

(2) L-allowances speċifiċi għall-istazzjonament għandhom jitqiesu bħala parti mir-remunerazzjoni, sakemm dawk l-allowances ma jitħallsux bħala rimborż ta' spejjeż effettivament imġarrba minħabba l-istazzjonament, inklużi spejjeż ta' vvjaġġar, ikel u alloġġ. Bla ħsara għall-paragrafu (j) tas-subregolament (1), min iħaddem għandu jirrimborża lill-ħaddiema stazzjonat għal tali spejjeż f'konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli:

Iżda li, fejn it-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg applikabbli għar-relazzjoni tal-impjieg ma jiddeterminawx jekk u, fil-każ li iva, liema elementi tal-allowance speċifika għall-istazzjonament jitħallsu bħala rimborż ta' spejjeż effettivament imġarrba minħabba l-istazzjonament jew li huma parti mir-remunerazzjoni, l-allowance sħiħa għandha titqies li tkun tħallset bħala rimborż ta' spejjeż.

(3) F'każijiet ta' immuntar tal-bidu u, jew l-ewwel stallazzjoni ta' oġġetti fejn din l-attività tkun parti integrali mill-kuntratt għall-fornitura tal-oġġetti u meħtieġa biex l-oġġetti fornuti jitqiegħdu fl-użu u jsiru mill-ħaddiema tas-sengħa u, jew mill-ħaddiema speċjalizzati tal-organizzazzjoni li tissuplixxi, il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (1) m'għandhomx japplikaw jekk il-perjodu ta' stazzjonar ma jeċċedix it-tmint (8) ijiem:

Iżda li, din l-esklużjoni ma għandiex tapplika għall-attivitajiet fil-qasam tax-xogħol tal-bini, inkluż iżda mhux limitat għal xogħol relatat mal-kostruzzjoni, tiswija, tiżmim fi stat tajjeb, alterazzjoni jew twaqqigħ ta' bini, u b'mod partikolari skavar, ġarr ta' materjal, xogħol tal-bini attwali, immuntar u żmuntar ta' elementi prefabbrikati, attrezzar jew stallazzjoni, alterazzjonijiet, rinnovazzjoni, tiswijiet, żarmar, twaqqigħ, manutenzjoni, tiżmim fi stat tajjeb, xogħol ta' żebgħa u tindif u titjib.

(3A) Il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) ma għandux japplika fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 3 meta t-tul tal-istazzjonar ma jeċċedix ix-xahar (1).

(4) It-tul tal-istazzjonar għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' perjodu ta' referenza ta' sena mill-bidu tal-istazzjonar: Iżda għall-finijiet ta' tali kalkoli, għandu jingħata każ ta' kull perjodu preċedenti li tulu l-post kien mimli minn ħaddiem stazzjonat.

(5) Meta ħaddiem jiġi stazzjonat f'Malta, l-ispezzjoni tat-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg li għandhom jiġu ssodisfati skont dan ir-regolament hija r-responsabilità tal-awtorità kompetenti f'Malta f'kooperazzjoni, fejn meħtieġ, ma' dawk tal-Istat Membru ta' stabbiliment skont dawn ir-regolamenti:

Iżda l-ispezzjonijiet għandhom ikunu prinċipalment ibbażati fuq evalwazzjoni tar-riskju li tista' tidentifika s-setturi ta' attività li fihom l-impjieg tal-ħaddiema stazzjonati għall-prestazzjoni tas-servizzi huwa kkonċentrat. Meta ssir tali

evalwazzjoni tar-riskju, it-twettiq ta' proġetti infrastrutturali kbar, l-eżistenza ta' sekwenzi twal ta' sottokuntratturi, il-prossimità ġeografika, il-problemi speċjali u l-ħtiġijiet ta' setturi speċifiċi, ksur tal-liġi fil-passat, kif ukoll il-vulnerabbiltà ta' ċerti gruppi ta' ħaddiema jistgħu, b'mod partikolari, jiġu kkunsidrati.

(6) Fejn Malta tkun l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur ta' servizzi, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tgħin lill-Istat Membru fejn iseħħ l-istazzjonament biex jiżgura konformità mad-Direttivi tal-UE 96/71/EC u 2014/67. Dan m'għandu bl-ebda mod jippreġudika s-setgħat tal-Istat Membru li jkun twettaq l-istazzjonament fih biex jimmonitorja, jikkontrolla jew jieħu l-miżuri meħtieġa ta' sorveljanza jew infurzar.

(7) Fejn ikun hemm fatti li jindikaw irregolaritajiet possibbli, l-awtorità kompetenti ta' Malta, fuq inizjattiva proprja, għandha tikkomunika lill-Istat Membru kkonċernat kull informazzjoni rilevanti mingħajr telf ta' ħin.

(8) Meta ħaddiem jiġi stazzjonat f'Malta, l-awtorità kompetenti f'Malta tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment, fir-rigward ta' kull każ ta' servizzi pprovduti jew kull fornitur ta' servizzi, biex tipprovdi informazzjoni dwar il-legalità tal-istabbiliment tal-fornitur ta' servizzi, il-kondotta nadifa tal-fornitur ta' servizzi, u l-assenza ta' xi ksur tar-regoli applikabbli.

(9) Meta Malta tkun il-pajjiż ta' stabbiliment tal-fornitur ta' servizzi, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tipprovdi l-informazzjoni inkluża fis-subregolament (8) skont ir-regolament 7.

(10) Mingħajr preġudizzju għad-dritt li l-Istati Membri fejn ħaddiem ikun stazzjonat jiġu mitluba jwettqu verifiki u kontrolli, xejn f'dan ir-regolament m'għandu jimponi obbligu fuq l-awtorità kompetenti f'Malta, f'każijiet fejn Malta hija l-pajjiż ta' stabbiliment, li twettaq verifiki u kontrolli fattwali fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti li fih jiġi provdut is-servizz.

(11) Il-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stat li mhux Membru m'għandhomx jingħataw trattamenti iktar favorevoli minn forniturі tas-servizzi stabbiliti fi Stat Membru.

Miżjud: A.L. 262 tal-2020.

5A. (1)Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 3, fejn id-durata effettiva tal-istazzjonar teċċedi it-tnax(12)-il xahar, il-forniturі ta' servizzi barranin imsemmija fir-regolament 3 għandhom jiggarantixxu, abbażi ta' ugwaljanza ta' trattament, lill-ħaddiema stazzjonati f'Malta, flimkien mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg imsemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 5, it-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli kollha tal-impjieg bis-saħħa tal-Att, jew ta' kwalunkwe regolamenti jew ordnijiet maħruġa taħtu:

Iżda dan ma għandux japplika għal:

(*a*) it-termini u l-kondizzjonijiet relatati mal-konklużjoni u t-terminazzjoni ta' kuntratt tal-impieg; u

(*b*) skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplimentari.

(2) Fejn il-impjegatur mandanti jippreżenta notifika motivata,

l-awtorità kompetenti f'Malta għandha testendi l-perijodu msemmi fis-subregolament (1) għal tmintax(18)-il xahar.

(3) Fejn il-impjegatur mandanti jissostitwixxi ħaddiem stazzjonat b'ħaddiem stazzjonat ieħor li jwettaq l-istess xogħol fl-istess post, id-durata tal-istazzjonament, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, għandha tkun id-durata kumulattiva tal-perijodi ta' stazzjonament tal-ħaddiema stazzjonati individwali kkonċernati:

Iżda li, għall-finijiet ta' dan is-subregolament, il-kunċett ta' "l-istess xogħol fl-istess post" għandu jiġi ddeterminat filwaqt li jittieħed kont fost l-oħrajn tan-natura tas-servizz li għandu jiġi pprovdut, ix-xogħol li għandu jitwettaq u l-indirizz jew indirizzi tal-post tax-xogħol.

Rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll.

6. (1) Għandu jkun id-dmir tal-fornitur ta' servizzi li jistazzjona l-ħaddiem f'Malta, li javża lill-awtorità kompetenti f'Malta bl-intenzjoni tiegħu li jistazzjona ħaddiem f'Malta qabel id-data tal-istazzjonar tal-ħaddiem, mhux aktar tard minn meta tibda l-prestazzjoni tas-servizz, liema notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex tippermetti kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Din in-notifika, li ssir bil-lingwa Ingliża għandha tinkludi:

(*a*) l-identità tal-fornitur ta' servizz;

(*b*) l-indirizz fil-pajjiż fejn il-ħaddiem ikun soltu jaħdem;

(*ċ*) l-għadd antiċipat ta' ħaddiema stazzjonati identifikabbli b'mod ċar;

(*d*) l-isem, id-data tat-twelid u ċ-ċittadinanza tal-ħaddiem stazzjonat;

(*e*) il-persuni msemmija taħt is-subregolamenti (6) u (7);

(*f*) kemm mistenni jdum, it-tbassir tad-data tal-bidu u tat-tmiem tal-istazzjonament;

(*g*) in-natura tas-servizzi li jiġġustifikaw l-istazzjonament inkluż it-tip ta' xogħol li jkun ser jagħmel; u

(*h*) l-isem u l-indirizz tal-aġenda f'Malta li l-ħaddiem se jkun stazzjonat magħha.

(2) Kopja tal-avviż imsemmi fis-subregolament (1), flimkien ma' *records* aġġornati li juru sew li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jinżammu fl-aġenda f'Malta li tkun qegħda tagħmel użu mis-servizzi tal-ħaddiem stazzjonat.

(3) Għandu jkun id-dmir tal-fornitur ta' servizz li jistazzjona l-ħaddiem f'Malta li jżomm, jagħmel disponibbli u jkun fil-possess ta' kopji stampati jew b'forma elettronika tal-kuntratt tal-impjieg jew dokument ekwivalenti skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, inkluża, fejn xieraq jew rilevanti, l-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, riċevuti tal-paga, reġistri tal-ħinijiet li jindikaw il-bidu, it-tmiem u l-ħin totali tax-xogħol tal-ġurnata u prova ta' ħlas ta' pagi jew kopji ta' dokumenti ekwivalenti matul il-perjodu ta' stazzjonament f'post aċċessibbli u identifikat b'mod ċar fl-aġenda li qed tagħmel użu mis-servizzi mogħtija mill-ħaddiem stazzjonat.

(4) Għandu jkun id-dmir tal-fornitur ta' servizz li jistazzjona l-ħaddiem f'Malta li jitwasslu d-dokumenti msemmija fis-subregolament (3), wara l-perjodu ta' stazzjonament, fuq talba tal-awtorità kompetenti f'Malta, f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

(5) Għandu jkun id-dmir tal-fornitur ta' servizz li jistazzjona l-ħaddiem f'Malta li tiġi pprovduta traduzzjoni tad-dokumenti msemmija fis-subregolament (3) fil-lingwa Ingliża.

(6) Għandu jkun id-dmir tal-fornitur ta' servizz li jistazzjona l-ħaddiem f'Malta li jaħtar persuna li tikkomunika mal-awtorità kompetenti f'Malta u li jibgħat u jirċievi dokumenti u, jew avviżi, fejn xieraq.

(7) Għandu jkun id-dmir tal-fornitur ta' servizz li jistazzjona l-ħaddiem f'Malta li jaħtar persuna ta' kuntatt, li tista' tkun differenti minn dik maħtura skont is-subregolament (6), li taġixxi bħala rappreżentant f'Malta li permezz tagħha l-imsieħba soċjali jistgħu jfittxu li jimpenjaw lill-fornitur ta' servizzi biex jidħol f'negozjar kollettiv matul il-perjodu li matulu jiġu pprovduti s-servizzi. Dik il-persuna ta' kuntatt ma għandhiex għalfejn tkun preżenti f'Malta, imma trid tkun disponibbli fuq talba motivata u ġustifikata.

(8) L-obbligi imposti skont dan ir-regolament għandhom jiġu kkomunikati kif meħtieġ mir-regolament 7(8), u għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti f'każ li jkun hemm konformità magħhom b'mezzi elettroniċi.

Informazzjoni addizzjonali għal ħaddiema stazzjonati. *Miżjud: A.L. 266 tal-2022.*

6A. (1)Ħaddiem stazzjonat għandu jiġi nnotifikat ukoll dwar:

(*a*) ir-remunerazzjoni li għaliha l-ħaddiem huwa intitolat skont il-liġi applikabbli tal-Istat Membru ospitanti;

(*b*) fejn applikabbli, kwalunkwe allowance speċifika għall-istazzjonar u kwalunkwe arranġament biex jiġi rimborżat l-infiq fuq il-vjaġġi, l-ikel u l-akkomodazzjoni; u

(*ċ*) il-ħolqa għal websajt nazzjonali uffiċjali uniku żviluppat mill-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tista', fejn xieraq, tingħata f'forma ta' referenza għad-dispożizzjonijet speċifiċi ta' liġijiet, regolamenti u atti amministrattivi jew statutorji jew il-ftehimiet kollettivi li jirregolaw dik l-informazzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet fis-subregolament (1) ma għandhomx japplikaw jekk it-tul ta' kull perjodu tax-xogħol barra mill-Istat Membru li fih soltu jaħdem il-ħaddiem ikun ta' erba' (4) ġimgħat konsekuttivi jew inqas.

Koperazzjoni amministrattiva. *Emendat: A.L. 262 tal-2020.*

7. (1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tkun responsabbli għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u biex iżżomm kuntatt u tikkopera mal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet li għandhom responsabbiltajiet

korrispondenti fi Stati Membri oħra fuq materji relatati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttivi 96/71/KE u 2014/67. Għal dan il-għan, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha taħdem f'koperazzjoni mill-qrib u tipprovdi assistenza mingħajr telf ta' ħin lill-awtoritajiet korrispondenti fi Stati Membri oħra. Din il-koperazzjoni u assistenza reċiproka għandhom jingħataw mingħajr ħlas u għandhom jiġu implimentati permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

(2) Il-koperazzjoni ma' awtoritajiet oħra msemmija fis-subregolament (1) għandha tinkludi:

(*a*) tweġibiet għal talbiet motivati għall-informazzjoni, inkluż informazzjoni dwar l-irkuprar possibbli ta' penali u, jew multa amministrattiva, jew l-avviż ta' deċiżjoni li timponi t-tali penali u, jew multa kif ikkontemplat f'dawn ir-regolamenti; u

(*b*) twettiq ta' verifiki, spezzjonijiet u investigazzjonijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' stazzjonament imsemmija fir-regolament 3, inkluż l-investigazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew abbuż ta' regoli applikabbli dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema.

(3) Il-koperazzjoni ma' awtoritajiet oħra msemmija fis-subregolament (1) tista' tinkludi li jibagħtu u jipprovdu notifika ta' dokumenti.

(4) Għall-fini li twieġeb talba għal għajnuna mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tiżgura li l-forniturі ta' servizzi stabbiliti f'Malta jipprovdu lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni kollha meħtieġa għas-superviżjoni tal-attivitajiet tagħhom u jekk jonqsu milli jagħmlu dan, il-forniturі ta' servizz ikunu ħatja ta' reat.

(5) F'każ ta' diffikultà biex tiġi sodisfatta xi talba għal informazzjoni jew biex isiru verifiki, spezzjonijiet jew investigazzjonijiet, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-awtorità li tkun qed tagħmel it-talba bil-għan li tinstab soluzzjoni.

(6) L-informazzjoni mitluba lill-awtorità kompetenti f'Malta minn awtoritajiet korrispondenti fi Stati Membri oħra jew mill-Kummissjoni għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi fil-limiti ta' żmien li ġejjin:

(*a*) f'każijiet urġenti li jitolbu konsultazzjoni ta' reġistri, bħal dawk dwar konferma tar-reġistrazzjoni tal-VAT għall-finijiet ta' kontroll ta' stabbiliment f'Malta, malajr kemm jista' jkun u sa massimu ta' żewġ ġranet ta' xogħol minn meta jirċievu t-talba:

Iżda r-raġuni tal-urġenza għandha tkun indikata b'mod ċar fit-talba, inklużi dettalji biex tiġi sostanzjata dik l-urġenza;

Iżda barra minn hekk ir-reġistri msemmija f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu kkonsultati minn awtoritajiet kompetenti oħra jekk dawn ir-reġistri jkunu elenkati

mill-Istati Membri fis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita bir-Regolament 1024/2012;

(*b*) fil-każijiet tat-talbiet l-oħra kollha għall-informazzjoni, sa massimu ta' 25 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba, sakemm limitu ta' żmien iqsar ma jiġix miftiehem bi qbil komuni bejn l-awtorità kompetenti f'Malta u l-awtorità kompetenti korrispondenti fl-Istat Membru l-ieħor.

(7) Kwalunkwe informazzjoni li tiġi skambjata jew trażmessa skont dan ir-regolament:

(*a*) għandha tintuża biss fir-rigward tal-qasam jew oqsma li għalihom ġiet mitluba; u

(*b*) m'għandiex tipprekludi lill-awtorità kompetenti f'Malta milli tieħu miżuri biex tinvestiga u tipprevjeni allegat ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(8) L-awtorità kompetenti għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-impjieg imsemmija fir-regolamenti 5 u 6, li l-forniturі ta' servizzi għandhom japplikaw u jkunu konformi magħhom billi:

(*a*) it-tali informazzjoni tkun magħmula disponibbli għal kulħadd bla ħlas b'mod ċar, trasparenti, komprensiv u aċċessibbli faċilment, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, f'formati u skont standards ta' aċċessibilità tal-web li jiżguraw aċċess għal persuni b'diżabilitajiet;

(*b*) jiżguraw li t-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli u l-liġijiet rilevanti jkunu indikati b'mod ċar, dettaljat u adattat għall-utenti u f'format aċċessibbli f'websajt nazzjonali uffiċjali unika u permezz ta' mezzi adegwati oħra;

(*ċ*) jiżguraw li l-informazzjoni tkun disponibbli faċilment għall-ħaddiema u l-forniturі ta' servizzi mingħajr ħlas bl-Ingliż, liema informazzjoni għandha tinkludi l-kondizzjonijiet ta' xogħol ewlenin applikabbli, id-deskrizzjoni tal-proċeduri biex jitressqu ilmenti u, fuq talbiet, f'formati aċċessibbli għal persuni b'diżabilitajiet, informazzjoni dettaljata oħra dwar kondizzjonijiet ta' impjieg u soċjali applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati;

(*d*) itejbu l-aċċessibilità u ċ-ċarezza tal-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari dik ipprovduta fil-websajt nazzjonali uffiċjali unika;

(*e*) jindikaw persuna ta' kuntatt inkarigata li tittratta t-talbiet għall-informazzjoni u jindikaw l-korpi u l-awtoritajiet li l-ħaddiema u l-aġjendi jistgħu jirrikorru għandhom għall-informazzjoni ġenerali dwar il-liġi applikabbli; u

(*f*) iżommu l-informazzjoni kollha aġġornata:

Iżda li, meta l-informazzjoni fuq il-websajt nazzjonali uffiċjali uniku ma tindikax liema termini u

kondizzjonijiet ta' impjieg għandhom jiġu applikati, dik iċ-ċirkostanza għandha tittieħed kont tagħha fid-determinazzjoni tal-penali stipulati fir-regolament 12, fil-miżura neċessarja biex tiġi żgurata l-proporzjonalità tagħha.

Infurzar transkonfinali ta' penali u, jew multi amministrattivi finanzjarji.

8. (1) Dan ir-regolament għandu japplika għall-infurzar transkonfinali ta' penali u, jew multi amministrattivi finanzjarji, inklużi tariffi u sopratxxi, imposti mill-awtoritajiet kompetenti jew ikkonfermati minn korpi amministrattivi jew ġudizzjarji fuq fornitur ta' servizzi stabbilit f'Malta marbuta man-nonosservanza tar-regoli applikabbli dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fi Stat Membru ieħor.

(2) Fuq it-talba ta' awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità kompetenti f'Malta, minn issa 'l quddiem imsejħa l-'awtorità li ssirilha t-talba', għandha tirkupra penali u, jew multa amministrattiva li tkun ġiet imposta permezz ta' deċiżjoni skont il-liġijiet u l-proċeduri tal-Istat Membru li jagħmel it-talba minn awtorità kompetenti jew korp ġudizzjarju, liema deċiżjoni tikkostitwixxi *res judicata*.

(3) Fuq it-talba ta' awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinnotifika:

(*a*) deċiżjoni li timponi tali penali u, jew multa amministrattiva skont il-liġijiet u l-proċeduri tal-Istat Membru li jagħmel it-talba minn awtorità kompetenti jew ikkonfermata minn korp amministrattiv jew ġudizzjarju, liema deċiżjoni tikkostitwixxi *res judicata*; u

(*b*) kwalunkwe dokument ieħor rilevanti marbut mal-irkupru ta' tali penali u, jew multa, inkluża s-sentenza jew id-deċiżjoni finali, li tista' tkun fil-forma ta' kopja ċertifikata, li tikkostitwixxi l-bażi legali u t-titolu għall-eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru.

(4) Sabiex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha skont is-subregolamenti (2) u (3), it-talba tal-awtorità li tagħmel it-talba għall-irkupru ta' penali u, jew multa amministrattiva jew it-talba tal-awtorità li tagħmel it-talba għan-notifika ta' deċiżjoni li timponi tali penali u, jew multa għandha:

(*a*) ssir skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prassi amministrattiva fis-seħħ fl-Istat Membru tal-awtorità li tagħmel it-talba;

(*b*) ssir biss meta l-awtorità li tagħmel it-talba ma tkunx tista' tirkupra jew tinnotifika f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prassi amministrattivi tagħha; u

(*ċ*) tirrigwarda penali u, jew il-multa, kif ukoll talba sottostanti u, jew strument li jippermetti l-infurzar tagħha fl-Istat Membru li jagħmel it-talba li ma jkunux ikkontestati jew irrikużati f'dak l-Istat Membru.

(5) It-talba tal-awtorità li tagħmel it-talba għall-irkupru ta' penali u, jew multa amministrattiva kif ukoll in-notifika ta' deċiżjoni dwar tali penali u, jew multa għandha ssir mingħajr

dewmien bla ħtieġa permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 u għandha tinkludi:

(*a*) l-isem u l-indirizz magħruf tad-destinatarju, u kull data rilevanti jew informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni tad-destinatarju;

(*b*) sommarju tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-ksur, in-natura tar-reat u r-regoli applikabbli rilevanti;

(*ċ*) l-istrument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li jagħmel it-talba u kull informazzjoni jew dokument rilevanti ieħor, inklużi dawk ta' natura ġuridika, li jikkonċernaw it-talba, il-penali u, jew multa amministrattiva sottostanti;

(*d*) l-isem, l-indirizz u dettalji oħra ta' kuntatt dwar l-awtorità kompetenti responsabbli għall-evalwazzjoni tal-penali u, jew multa amministrattiva, u, jekk din tkun differenti, l-entità kompetenti fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-penali u, jew multa jew il-possibilitajiet ta' kontestazzjoni tal-obbligu tal-ħlas jew tad-deċiżjoni li timponiha;

(*e*) fil-każ ta' notifika ta' deċiżjoni, l-għan tan-notifika u l-perjodu li fih għandha tiġi effettwata; u

(*f*) fil-każ ta' talba għall-irkupru, id-data meta s-sentenza jew deċiżjoni saret infurzabbli jew finali, deskrizzjoni tan-natura u l-ammont tal-penali u, jew multa amministrattiva, kwalunkwe dati ta' rilevanza għall-proċess tal-infurzar, inkluż jekk, u jekk ikun il-każ kif, id-deċiżjoni jew sentenza tkun ġiet notifikata lill-konvenut u, jew jekk ingħatatx fil-kontumaċja, konferma mill-awtorità li tagħmel it-talba li l-penali u, jew multa ma tkunx soġġetta għall-ebda appell sussegwenti, u l-pretensjoni sottostanti li dwarha ssir it-talba, u l-komponenti differenti tagħha.

(6) Sakemm l-awtorità li ssirilha t-talba ma tiddeċidix li tinvoka kwalunkwe mir-raġunijiet għal rifjut ipprovduti fis-subregolament (9), l-awtorità li ssirilha t-talba meta tirċievi talba għall-irkupru jew biex tinnotifika skont dan ir-regolament, għandha tirrikonoxxiha mingħajr ma tkun meħtieġa aktar formalità u għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex teżegwiha, u dik it-talba għan-notifika u t-talba għall-irkupru għandhom jitqiesu li għandhom l-istess effett daqslikieku saru mill-Istat Membru li jagħmel it-talba:

Iżda l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tieħu l-passi meħtieġa kollha biex tinnotifika lill-fornitur tas-servizzi dwar it-talba għall-irkupru jew dwar id-deċiżjoni li timponi penali u, jew multa amministrattiva u dwar id-dokumenti rilevanti, fejn ikun meħtieġ, malajr kemm jista' jkun, u sa mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet riċevuta t-talba.

(7) L-awtorità li ssirilha t-talba għandha permezz ta' ittra ġudizzjarja notifikata lill-fornitur tas-servizzi li hija dovuta mingħandu l-penali u, jew multa amministrattiva, teħtieġ li l-fornitur tas-servizzi jħallas il-penali u, jew multa amministrattiva skont dan ir-regolament. Man-notifika tat-tali ittra ġudizzjarja, it-talba tal-awtorità li ssirilha t-talba inkluża fit-tali ittra ġudizzjarja għandha, wara li jgħaddu għaxart ijiem mill-għoti ta' din l-ittra, tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-fini tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(8) L-awtorità li ssirilha t-talba għandha malajr kemm jista' jkun tinforma lill-awtorità li tagħmel it-talba dwar:

(*a*) l-azzjoni meħuda rigward it-talba tagħha għal irkupru u notifika u, aktar speċifikament, tad-data li fiha l-indirizzat kien notifikat; u

(*b*) ir-raġunijiet għar-rifjut imsemmija fis-subregolament (9), fil-każ li l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta li twettaq it-talba għall-irkupru ta' penali u, jew multa amministrattiva jew li tinnotifika deċiżjoni li timponi penali u, jew multa amministrattiva.

(9) L-awtorità li ssirilha t-talba m'għandhiex twettaq talba:

(*a*) għal irkupru jew notifika jekk it-talba ma jkunx fiha l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (5), jew ma tkunx kompluta jew li manifestament ma tikkorrispondix mad-deċiżjoni sottostanti;

(*b*) għall-irkupru jekk:

(i) b'segwitu tal-mistoqsijiet magħmula mill-awtorità li ssirilha t-talba huwa ovvju li l-ispejjeż previsti jew ir-riżorsi meħtieġa għall-irkupru tal-penali u, jew multa amministrattiva huma sproporzjonati fir-rigward tal-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jagħtu lok għal diffikultajiet sinifikanti; jew

(ii) il-penali u, jew multa finanzjarja ġenerali hija anqas minn tliet mija u ħamsin euro (€350) jew l-ekwivalent ta' dak l-ammont; jew

(iii) id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-konvenuti u l-prinċipji legali li japplikaw għalihom, skont il-liġi tal-Istat Membru li ssirlu t-talba ma jkunux rispettati.

(10) It-tilwim li jikkonċerna l-miżuri ta' infurzar meħuda f'Malta jew li jikkonċernaw il-validità ta' notifika magħmula mill-awtorità li ssirilha t-talba għandu jitressaq quddiem il-Qrati ta' Malta skont il-liġi Maltija.

(11) L-ammonti kollha rkuprati skont dan ir-regolament għandhom ikunu dovuti lill-awtorità li ssirilha t-talba. Din għandha tirkupra l-ammonti dovuti f'euro. Jekk ikun meħtieġ, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkonverti l-penali u, jew multa fil-munita tal-Istat li ssirlu t-talba bir-rata tal-kambju applikabbli fid-data meta l-penali u, jew multa tkun ġiet imposta.

(12) L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu talbiet mingħand

xulxin għar-rimborż tal-ispejjeż li jirriżultaw minn kwalunkwe assistenza reċiproka li huma jagħtu lil xulxin skont dawn ir-regolamenti.

Difiża tad-drittijiet.

9. (1) Meta ħaddiem stazzjonat jallega li jkun ġie ttrattat b'mod li jikser xi dritt mogħti lilu b'dawn ir-regolamenti, dak l-impjegat jista' jippreżenta lill-prinċipal talba bil-miktub biex jagħtih dikjarazzjoni bil-miktub li jkun fiha elenkati r-raġunijiet, jekk ikun hemm, għal xi differenza fit-trattament, u dik id-dikjarazzjoni għandha tingħata mill-prinċipal fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta ssir it-talba.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li jinbdew proċeduri fi stat ieħor, ħaddiem stazzjonat għandu jkollu d-dritt jibda proċeduri fil-qrati ta' Malta sabiex jissalvagwardja xi dritt mogħti lilu bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, anke wara li tintemm ir-relazzjoni li fiha l-allegat ksur ikun seħħ u anke meta l-ħaddiem stazzjonat ikun telaq minn Malta.

(3) Kwalunkwe korrispondenza msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun ammissibbli fi proċeduri mressqa quddiem il-qrati, u jekk ikun evidenti għall-Qorti li l-konvenut deliberatament u mingħajr skuża motivata naqas milli jirrispondi fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li jirċievi t-tali notifika jew li r-risposta tiegħu kienet evażiva jew ekwivoka, il-Qorti tista' tinferixxi mill-fatt li hija tqis bħala ġust u ekwu li tasal għall-konklużjoni, inkluż inferenza li wettaq att illegali.

(4) Id-dispożizzjonijiet fis-subregolament (1) li jeħtieġu li l-konvenut jagħti tweġiba m'għandhomx japplikaw jekk fid-data li ssir it-talba fiha, ikun diġà ingħata bidu għal proċedimenti fil-Qorti dwar il-kwistjoni.

(5) Kwalunkwe prinċipal li jagħti trattament mhux favorevoli lil ħaddiem stazzjonat li jkun ressaq proċedimenti ġudizzjarji skont dan ir-regolament għandu jkun ħati ta' reat skont dawn ir-regolamenti.

Responsabbiltà tas-sotto-kuntrattar.
Sostitwit:
A.L. 232 tal-2021;
A.L. 224 tal-2023.

10. (1) Dan ir-regolament għandu japplika biss fir-rigward ta' katina ta' sottokuntrattar li topera f'waħda jew aktar mill-attivitajiet elenkati fl-Iskeda.

(2) Fi kwalunkwe proċeduri ċivili istitwiti mill-ħaddiem stazzjonat fejn ikun hemm katina ta' sottokuntrattar, il-ħaddiem stazzjonat jista' jżomm lill-kuntrattur li tiegħu l-impjegatur huwa s-sottokontrattur dirett u lis-sottokontrattur dirett responsabbli *in solidum* u b'mod konġunt fir-rigward ta' dawk id-drittijiet mogħtija permezz tar-regolament 5(1)(ċ):

Iżda r-responsabbiltà għandha tkun limitata għad-drittijiet tal-ħaddiem stazzjonat miksuba skont ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-kuntrattur u s-sottokontrattur dirett tiegħu:

Iżda wkoll l-kuntrattur ma għandux jinżamm responsabbli kif provdut hawn qabel jekk ikun wettaq eżerċizzju xieraq ta' diliġenza dovuta dwar is-solvenza u l-konformità tas-sottokontrattur dirett mal-liġijiet li jirregolaw l-operat tiegħu:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe impjegat fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Iskeda.

Rappreżentanza.

11. M'għandu jkun hemm xejn li jipprevjeni kwalunkwe assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra b'interess leġittimu li jiżguraw li dawn ir-regolamenti jiġu osservati, li jkunu involuti, għan-nom jew b'sostenn tal-ħaddiema stazzjonati jew ta' min jimpjegahom, u bl-approvazzjoni tagħhom, f'kull proċediment ġudizzjarju li huwa previst għall-infurzar tal-obbligi skont dawn ir-regolamenti.

Reati.
Emendat:
A.L. 262 tal-2020;
A.L. 232 tal-2021.

12. Bla ħsara għall-proviso tas-subregolament (8) tar-regolament 7, kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn mija u sbatax-il euro (€117) u mhux iżjed minn elf, mija u ħamsa u sittin euro (€1,165):

Iżda fl-istituzzjoni ta' proċedimenti kriminali skont l-Att, fejn il-prinċipal jinstab ħati:

(*a*) li naqas milli jħallas lill-ħaddiem stazzjonat skont ir-regolament 5(1)(ċ);

(*b*) li żamm mingħajr raġuni ħlasijiet b'lura, rifużjonijiet tat-taxxa jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mis-salarji tal-ħaddiema stazzjonati; jew

(*ċ*) li żamm jew naqqas mis-salarji tal-ħaddiema stazzjonati spejjeż eċċessivi għall-akkomodazzjoni,

il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, minbarra tagħti l-piena imposta b'dan ir-regolament, tordna lit-trasgressur, wara li tingħata prova tal-ammont, biex jirrifondi jew iħallas lill-ħaddiem stazzjonat l-ammont imsemmi dovut minnu:

Iżda barra minn hekk xejn f'dan ir-regolament m'għandu jidderoga minn kwalunkwe dritt tal-ħaddiem stazzjonat li jirkupra bi kwalunkwe mezz ieħor l-ammont dovut lilu, inkluż skont ir-regolament 9.

Miżjud:
A.L. 224 tal-2023.

SKEDA
(regolament 10)

L-attivitajiet imsemmija fir-regolament 10 jinkludu x-xogħol kollu tal-bini relatat mal-kostruzzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, l-alterazzjoni jew id-demolizzjoni ta' bini, u b'mod partikolari x-xogħol li ġej:

1. it-tħaffir
2. iċ-ċaqliq ta' materjal tal-art
3. ix-xogħol ta' bini
4. l-assemblaġġ u l-iżmuntar ta' elementi prefabbrikati
5. l-armar jew l-installazzjoni
6. l-alterazzjonijiet
7. ir-renovazzjoni

8. it-tiswija
9. iż-żarmar
10. id-demolizzjoni
11. il-manutenzjoni
12. ix-xogħol ta' dekorazzjoni, ta' żebgħa u tindif
13. it-titjib